MINUTI

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 50/06**

It-Tlieta 30 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | *Skużat* |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | |
| CLAUDIENNE LANZON | KUNSILLIER | *Skużata* |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| FRANS CHIRCOP | Ex - AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 49/06 għax xahar ta' Ottubru 2012
4. Rapporti mill-Kunsilliera
5. Ħwejjeġ oħra
6. Milied
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

Is-Sur Lawrence Bonavia talab sabiex f'isem il-Kunsill jirringrazzja uffiċċjalment lis-Sur Frans Chircop tas-servizz li ta' lill-Kunsill fix-xhur li kien ilu jaħdem fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien u kif ukoll jagħti merħba lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid is-Sur Paul J. Pace.

Il-Kunsill ingħaqad mas-Sur Bonavia.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 49/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku l-Kav. Paul Farrugia u mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

**2 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)</u>**

i. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fuq il-proġett tal-ERDF kien hemm żviluppi serji. Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur tax-Xogħol Infrastrutturali mhux miexi skond il-kuntratt. Jekk ix-xogħol ma jitlestiex kif miftiehem mal-Managing Authority sal-31 ta' Diċembru 2012, nistgħu anke nitilfu xi fondi. Is-Sindku kompla jispjega li hu min-naħa tiegħu bgħat għall-Kuntrattur biex iwissih. Minn din il-laqgħa ħareġ li dan il-Kuntrattur qed jiltaqa' ma diffikulta' finanzjarja u saħansitra mhux iħallas lill-kuntratturi tiegħu bil-konsegwenza li dawn mhux qed jagħmlulu ebda xogħol. Saħansitra l-Perit tal-Proġett għamel rapport li xogħol waqa b'lura tal-anqas bejn 5 u 6 ġimgħat. *ERDF*

L-Avukat tal-Kunsill ukoll kieteb ittra ta' twissija lill-kuntrattur li dan min-naħa tiegħu anqas biss wieġeb għaliha.

B'dan kollu ġiet nfurmata l-Managing Authority fi ħdan il-PPCD li minnufih sejħet laqgħa urġenti.

L-istess Awtorita' talbet sabiex għal din il-laqgħa jattendi wkoll l-Avukat tal-Kunsill. Waqt din il-laqgħa l-PPCD, ġejna mitluba sabiex l-Avukat din id-darba joħroġ ittra legali mill-Qorti lill-Kuntrattur u jingħata 3 ijiem ċans biex iwieġeb għal din l-ittra. Is-Sindku ġie mitlub sabiex jkellem lit-tieni kontendent sabiex forsi jara jekk ma' dan il-Kuntrattur ma naslux forsi wieħed ikun jista' allura jasal mat-tieni kontendent. Għalkemm dan ifisser li ser ikun hemm varjazzjoni fil-prezzijiet ikkwotati.

Sadanittant is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat għamilha din l-ittra. Pero qabel ma għamel l-ittra saħansitra ltaqa' mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiċċara xi punti mill-Kuntratt.

Is-Sindku kkonferma li ftit qabel l-laqgħa ċempillu l-Avukat tal-Kunsill fejn qallu li l-ittra kienet tqassmet lill-Kuntrattur in kwistjoni mill-Marexxal tal-Qorti wara diversi tentattivi u li dan issa għandu 3 ijiem sabiex iwieġeb għaliha. L-Avukat qallu wkoll li ladarba l-Marexxal tal-Qorti jagħmel r-rapport tiegħu ser jibgħatilna kopja ta' kollox, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nibgħatu kopja lill-PPCD.

i.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li lill-PPCD irridu nżommuhom infurmati b'kollox sa' laqgħa oħra li jmiss magħhom fis-6 ta' Nov 2012.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward ix-xogħol fl-area ta' Luqa Road huwa ppjanat li jibda f'Novembru 2012.

ii.i Is-Sindku kompla jgħid li l-biċċa art oħra fl-istess akkwata li konna mwegħdin li ser nieħdu mingħand il-Gvern Ċentrali u li kien ser jgħina fiha Dr Jason Azzopardi, bqajna status quo. Sadanittant il-Perit xorta waħda baqa' għaddej biex jara x'hemm bżonn

ħabba permessi tal-MEPA. Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu mal-Perit tal-Kunsill ġie nfurmat li biex isir żvilupp ta' din l-art u tinbidel f'parkeġġ irid jitħallas permess tal-Mepa ta' €3000.00.

Is-Sindku qallu biex għalissa jwaqqaf kollox u imbagħad ladarba din l-art tiġi devoluta lill-Kunsill wieħed ikun jista' jerġa jikkunsidra u jħallas €60 biex jitlob estensjoni tal-permess.

Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni tas-Sindku.

*ii.ii* Is-Sur L. Bonavia staqsa jekk jistax iqajjem dan il-każ waqt il-laqgħa ġenerali tal-Partit. Is-Sindku ħeġġu sabiex iqajjem dan il-każ għaliex din il-biċċa art ilha mwiegħda għal dawn l-aħħar sena u nofs.

**iii** Fuq ix-xelter tal-Gwerra is-Sindku qal li ma kienx hemm tibdil. *XELTER*

*Il-Kunsill Ishmael Dalli attenda fis-6.30pm*

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-PPP ukoll qed niltaqgħu ma' daqxejn problemi. Huwa spjega li l-Kunsill ser jingħata l-finanzi biss sabiex jagħmel l-iscarifying u t-tarmak. *PPP*

Il-WSC informaw lill-Kunsill li biex jinħareġ il-permess iridu l-ewwel jaqilgħu t-toroq u skond xi jsibu imbagħad jinħareġ il-permess tat-Transport Malta. Is-Sindku qal li hu mar personalment bil-karti għand il-WSC biex jurihom l-proċess kien ilu li nbeda sentejn ilu u għalhekk mhemmx għalfejn nerġgħu nibdew il-proċess mil-bidu. Huma nfurmawh li l-proċess ser ikollu jerġa jinbeda għaliex il-Kunsill ma żammx mas-sekwenza oriġinali tal-lista tat-toroq. Is-Sindku wieġeb li mhux hu kien li biddel din is-sekwenza imma kienet it-Transport Malta li ġagħlithu jagħmel hekk.

Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jinfurmaw lin-nies b'dan kollu sabiex b'hekk il-pubbliku jkun mgħarref għaliex dan il-dewmien.

**v.** Dwar il-Merħba Signs fi Triq San Ġużepp is-Sindku qal li l-ħajt li kellna ngħollu b'żewġ filati għollejnih. *Merħba Signs*

**vi.** Is-Sindku qal li x-xogħol ta' bdil ta' balavostri fil-Pjazzetta Santa Marija sar. Issa nġiebu xi kwotazzjonijiet għal xogħol ta' tikħil ta' balavostri u unvjar. *Pjazzetta Santa Marija*

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġgħet inħarġet l-Iskema għal Fondi għall-Librerija . Huwa kompla jgħid li ma' din l-iskema irċevejna lista ta' librara mingħand min irridu nixtru l-kotba. Is-Sindku kompla jgħid li mil-lista jidher li hemm mottiv politiku minħabba l-fatt li fil-lista jirriżulta li hemm librara li huma assimilati ma' Partit u filwaqt li oħrajn mhux inklużi. F'din l-istess skema hemm parti mill-fondi li jistgħu jintużaw għal xkaffar fil-librerija. Is-Sindku qal ukoll li staqsa lill-Librerija Nazzjonali tal-Belt biex jagħtuna indikazzjoni tal-materjal għall-ixkaffef. Dawn min naħa tagħhom tawna lista u bgħatuna għand persuna l-Marsa biex nordnaw l-injam. Meta l-ħaddiema tal-Kunsill marru għand din il-persuna dan reġa bgħathom lura l-Librerija Nazzjonali. Filwaqt li tal-Librerija Nazzjonali wkoll reġgħu bgħatuhom lura l-Marsa. Fl-aħħar wara ħafna ġiri 'l quddiem u lura l-Marsa, dan qallhom li qabel ma' l-Kunsill jordna xi ħaġa trid tinħareġ tender minn naħa tal-Librerija Nazzjonali. *Fondi Għal Librerija Fergħa Tarxien*

Is-Sindku qal li għalhekk talab sabiex ningħataw indikazzjoni ċara ta' x'għandna nagħmlu eżatt biex nordnaw l-injam għal dawn l-ixkafef u jiġi indikat supplier ieħor.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-Tender tal-Photovoltaic System għal-proġett tal-ERDF, iltaqa' l-Board tal-Evalwazzjoni u qed jagħmlu l-evalwazzjoni tagħhom. Ladarba dawn ikunu lesti ser nerġgħu nlaqqawhom sabiex jagħtuna rapport tal-għażla. Is-Sindku nforma l-Kunsill li meta jkollna dawn ir-rapporti f'idejna ser tissejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill sabiex issir l-għażla. *Tender PV – progett ERDF*

*Hawnhekk il-Kunsill awgura lis-Sindku għax sar nannu. Is-Sindku rringrazzja lill-kulħadd għax-xewqat sbieħ tagħhom.*

ix. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Eco Wardens bdew. Min-naħa tiegħu diġa ta xi indikazzjoni ta' postijiet bi problemi ta' akkumular ta' żibel u fejn joħorġu klieb iħammġu barra. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri li jekk ikollhom xi postijiet oħra jistgħu jgħadduhomlu ħalli jkunu nklużi fir-ronda. Il-ħinijiet ivarjaw mhumiex xi ħinijiet twal ħafna għandna 4 siegħat kull ħmistax il-ġurnata. Dan għaliex is-sistema kif inhi hija expensive ħafna u mhemmx dħul minna. Din is-sistema titħallas mir-Reġjun Xlokk li fil-preżent mhux qiegħed f'qagħda finanzjarja tajba. *ECO Wardens*

x. Dwar iż-żwieġ li kien ser jiċċelebra s-Sindku għal koppja mill-Kanada tħassret peress li minn naħa Kanadiża intalbu xi dokumenti oħra li ma kenux ser jilħqu jaslu. *Żwieġ Ċivili*

xi. Dwar il-korsijiet tal-ECDL mill-Kumpanija TCTC, is-Sindku tkellem mad-direttur tal-kumpanija fejn ikkonfermalu li dawn huma rikonoxxuti fl-iskejjel. F'każ li xi ħadd jiltaqa' ma xi problema wieħed għandu jirreferih għandu. *Ċertifikati tal-ECDL*

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill sabiex sal-15 ta' Novembru jibgħatu l-artiklu tagħhom sabiex jiġi ppubblikat fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss f'Diċembru. *Fuljett*

xiii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġgħet ħarġet l-iSkema għall-Fondi Speċjali għall-Attivitajiet Kulturali. Is-Sindku kompla jgħid li nistgħu nagħmlu tnejn. Qed jissuġġerixxi biex forsi ssir xi ħaġa għal żmien il-Karnival u ssir EPOKA għal Settembru 2013. *Skema Attivitajiet Kultrali*

**Xiv** Is-Sindku spjega li dwar it-Tender għar-Resurfacing u Footway Works il-Perit Mintoff ħareġ ir-rapport tiegħu. Kienu ntefgħu 4 tenders. Mir-Rapport tal-Perit rriżulta li l-iżjed wieħed vantaġġjuż huwa Bidder Nru 3. *Tender Resurfacing*

Bidder Nru 3 huwa Vella Group Ltd. Dan il-kuntrattur inzerta li huwa l-istess wieħed li għandu l-kutratt tal-PPP.

Il-Kunsill qabel nem con li jintgħażel Vella Group ltd.

**Xv** Is-Sindku talab lis-Sur Frans Chircop joħroġ mill-kamra peress li kien ser jiġi diskuss il-Performance Bonus pro-rata tiegħu. *Performance Bonus lill Ex Aġent Seg. Eżek.*

Il-Kunsill qabel nem con li s-Sur Frans Chircop jingħata 10%.

Is-Sindku ffirma l-Performance Appraisal Form tas-Sur Chircop u s-Seg. Eżek. Ser jieħu ħsieb jibgħat lid-Direttur tad-Dipt. Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu wkoll. Ġie spjegat lis-Sur Chircop li fiċ-ċekk li jmiss ser jirċievi biss il-paga dovuta lilu pro-rata għax-xahar ta' Ottubru. Imbgħad ladarba nirċievu l-approvazzjoni mid-Dipartiment Gvern Lokali nibgħatulu ċ-ċekk bil-Performance Bonus pro-rata dovut lilu.

Is-Sur Chircop rringrazzja lill-Kunsill.

Xvi Is-Sindku spjega lill-Kunsill li dawk l-arretrati li kienu ħadu u li kienu ġew mitluba verbalment sabiex jirritornawhom lura, issa rċevew bil-miktub sabiex jagħmlu dan. Is-Sindku kkonferma li l-bilanċ kollu issa ġie rifuż lura lill-Kunsill kif mitlub.

**Xvii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba l-proġett tal-ERDF 213 kien ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-siġar kif ukoll għall-Interactive dvd.

**xvii.i** Is-Sindku kompla jgħid li għas-siġar intefgħu żewg kwotazzjonijiet u l-iżjed waħda vantaġġjuża u skond il-fondi allokati mill-MA għal dan il-għan, hija dik tal-ELC għal-

valur ta' E50.00 kull sigra.

Il-Kunsill approva nem con li jintgħażel l-ELC.

Is-Sindku kompla jispjega li ser issir ċerimonja ta' tħawwil u fiha ser ikunu involuti l-Każin tal-Banda Marija Annunzjata fuq talba tagħhom stess kif ukoll l-Iskola.

Il-Kunsill qabel nem con.

xvii.ii Rigward l-Interactive DVD s-Sindku spjega li daħħlu żewg kwotazzjonijiet pero peress li t-tnejn li huma kienu għola mill-valur permessibli mil-liġi għal-kwotazzjonijiet, il-PPCD talbitna biex ladarba ġara hekk ma nistgħux naċċettaw il-kwotazzjonijiet u minflokk irridu noħorġu tender. Tawna l-opportunita' li nitolbu lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex noħorġu din it-tender għal perjodu minimu permessibli bil-liġi minħabba l-urġenza tal-każ. Is-Sinj. Galea ser tieħu ħsieb tagħmel l-ittra lid-Dipartiment. *Interactive DVD*

xvii.iii Il-PPCD talbitna sabiex isir Agreement Speċjali mal-Perit Dieter Falzon minħabba li il-kuntratt ta' l-istess kien period contract li skada fl-2010. Peress li skond ir-regoli tal-Kamra tal-Periti jirrikjedu li l-Perit li jkun involut fit-tfassil tal-proġett tibqa' hi il-persuna teknika responsabbli minn l-isstess proġett ser issir forma ta' Agreement mal-Perit Falzon fejn jirrikwardja biss il-Proġett tal-ERDF. *Agreement mal-Perit Falzon*

*Il-Kunsillier Keith Darmanin telaq mil-laqgħa fis-7.30pm*

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 49/06 għax-xahar ta' Ottubru. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4. Rapporti mill-Kunsilliera

### *Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli*

I Is-Sur Dalli rraporta li għal darb'oħra l-attivita' dwar lir-riċiklar tal-ħwejjeġ, żraben u handbags mtella' b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-kumpanija REFAB Malta kienet suċċess. Ser jipprova sabiex din l-attivita' tibda tittellgħa kull xahar. Ser jitkellem mal-kumpanija.

### *Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

**ii** Is-Sur Bonavia nforma lill-Kunsill li l-injections kontra l-influwenza ingħataw kollha f'nofs ta' nhar wieħed u kellna madwar 250 ruħ.

ii.i Is-Sur Bonavia qal peress li daqt ser ikun hemm Jum id-Diabete qiegħed jissuġġerixxi sabiex il-kunsill jorganizza testijiet b'xejn għal kulħadd darba l-Ħadd fil-għodu fil-Pjazza tal-Knisja.

ii.ii Issuġġerixxa wkoll li dak inhar ta' Jum id-Diabeta jinxtgħel dawl blu mal-Madonna ta' fejn il-Berġa. Dan peress li d-dawl blu huwa l-kulur assoċjat mad-diabete.

### iii *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

iii.i Is-Sinjura Vella ppreżentat rapport tal-ħarġa għax-xahar ta' Settembru.

iii.ii Qalet li ħarġa oħra li jmiss hija Buffet Breakfast is-Soreda Hotel nhar id-29 ta' Nov 2012.

**iv. *Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i *Is-Sindku qal li kellu buffet breakfast fil-Lukanda Vivaldi.*

iv.ii Is-Sindku qal ukoll li l-attivita' li jmiss coffee morning għax-xahar ta' Novembru ġewwa Wied il-Għajn.

**5 *Ħwejjeġ Oħra***

iv.i Is-Sur Lawrence Bonavia nforma lill-Kunsill li rċieva email dwar ir-razzett fi Triq San Tumas. F'din l-email kkwotawlu biċċiet mil-liġi fost affarijiet oħra. Is-sur Bonavia wieġeb li legalment il-Kunsill ma jafx jekk huwiex responsabbli . Mill-informazzjoni li għandu kemm l-MRRA kif ukoll is-Sanita' qegħdin jieħdu ħsieb dan il-każ. Is-Sur Bonavia qal ukoll li hu saħansitra ltaqa' ma' dan l-individwu li bgħattlu l-email u baqa' jinsisti fuq il-punt tiegħu. Huwa talab sabiex jara jekk bħala Kunsill x'jista jsir.

Is-Sindku wieġbu li dan il-każ ilu għaddej diversi snin. Il-Kunsill kien responsabbli biżżejjed u rrapporta lill-Awtoritajiet kollha konċernati. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill żgur ma jistax jieħu passi legali kontra sid dan ir-razzett meta dan il-każ qiegħed *sub-ġiudice* fil-qorti. Apparti l-fatt li ħadd mill-Awtoritajiet ma' ħa l-passi kollha fil-poter tagħhom.

Dwar dan il-każ kien hemm wkoll email mid-Dipartiment Gvern Lokali. Is-Seg. Eżek. bgħatt email ta' tweġiba dwar dan il-każ.

v. Is-Sur L. Bonavia semma t-tibdil fir-rotta mil-Pjazza ta' Raħal Ġdid. Is-Sindku kien tkellem dwarha u talab li Triq San Ġużepp tiġi one way (tidħol lejn Raħal Ġdid u mhux toħroġ għal Triq Ħal Tarxien, pero sal-lum il-ġurnata t-Transport Malta qatt ma taw risposta.

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena wkoll ser terġa tiġi organizzata l-Anzjan Tarxiniż.

**6. Milied**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna rikjesta mingħand l-Għaqda Madonna tad-Duttrina kif ukoll mill-Għaqda Marija Annunzjata sabiex din is-sena wkoll għal żmien il-Milied jżejnu toroq fir-raħal. Is-Seg. Eżek. s-Sur Paul Pace ser jieħu ħsieb jibgħat l-ittri ta' approvazzjoni lil dawn iż-żewġ għaqdiet.

*ii.* Is-Sindku qal ukoll li din is-sena wkoll ser jsir it-tqassim tar-rigali minn Father Christmas nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2012 tard filgħodu.

**7. Għeluq tal-Laqgħa**

*i.* Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm

ii. Laqgħa oħra li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm

**Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA**
**Seg. Eżek**